**30 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Anthony P. Camilleri B.Ch. D.

*versus*

Emmanuel Bezzina

**Kuntratt – *Error* – Żball – Żball ta' Fatt – Kunsens – Vizzjat bi Żball**

*Dentist aġixxa biex jirkupra drittijiet professjonali tiegħu għal servizzi reżi. Il-konvenut kien sodisfatt mis-servizz mogħti però ta eċċezzjoni illi l-kunsens tiegħu kien vizzjat bi żball.*

*Il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni; żball ta' fatt ma jġibx in-nullità ta' l-obbligazzjoni tal-konvenzjoni jekk ma tolqotx is-sustanza stess ta' l-oġġett. It-talbiet attriċi ġew milqugħa.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi fuq inkarigu tal-konvenut, ippresta servizzi professjonali a benefiċċju ta' l-istess konvenut konsistenti f'*gold bridge* ta' l-ispeċifikazzjonijiet murija fuq il-*job card* li kopja tagħha ġiet esebita; u wara li ppremetta li dawn is-servizzi professjonali twettqu skond is-sengħa u flimkien ma' l-ispejjeż, jammonta għall-Lm450, u li l-konvenut għalkemm interpellat anke uffiċjalment baqa' inadempjenti: **talab** l-istess attur għaliex il-konvenut ma għandux jgħid għaliex il-Qorti ma għandhiex tikkundannah iħallas dan l-ammont għas-servizzi professjonali minnu reżi kif fuq ingħad;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li bih eċċepixxa fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li l-eċċipjent hu kummerċjant u subordinatament mingħajr preġudizzju li t-talba ta' l-attur kienet intempestiva stante illi l-partijiet kienu qed jiddiskutu dwar is-servizzi prestati u l-onorarju ġust dovut u fl-aħħarnett bla preġudizzju għal dan, li l-ammont irreklamat mill-attur kien eċċessiv;

*Omissis;*

Il-vertenza tirrisali għall-inkarigu mogħti mill-konvenut lill-attur biex jikkuralu snienu liema xogħol ġie debitament esegwit mill-attur, dentist bi professjoni. Jirriżulta li l-konvenut hu altru sodisfatt mix-xogħol esegwit u dwar dan l-aspett ma hemm l-ebda kwistjoni. Lanqas ma hu qed jiġi kkontestat mill-konvenut li x-xogħol effettivament esegwit ma huwiex tal-kwalità pattwita. Id-diżgwid inqala' dwar l-ammont ta' flus li l-attur talab lill-konvenut iħallas għal dan is-servizz professjonali li laħaq is-somma ta' Lm450. Il-konvenut jagħti l-ewwel eċċezzjoni fil-mertu li l-ammont mitlub kien eżaġerat;

*Omissis;*

Mill-premess hu ċar li kien hemm ftehim bonarjament konvenut fuq prezz bejn il-kontendenti, milħuq wara trattativi u negozjar. Ftehim univoku li ma jħalli l-ebda dubju u li in effetti jammonta għall-ammissjoni da parti tal-konvenut. Di fatti ma tirriżulta l-ebda diskrepanza bejn iż-żewġ verżjonijiet sal-mument tal-ftehim u ta' l-eżekuzzjoni materjali tiegħu u l-uniku differenza li wieħed jista' jiskava hija favur sa mal-konvenut in kwantu dan kien min għalih li kien ser jieħu żewġ sinniet – bil-prezz miftiehem u kien sodisfatt bih – meta in effetti ħa ħames sinniet. L-eċċezzjonijiet li l-ammont mitlub hūwa eżaġerat neċessarjament għandha tiftiehem li l-ammont mitlub huwa in eċċess ta' dak ikkonkordat;

Din l-eċċezzjoni in vista tal-premess hija manifestament inammissibbli u insostenibbli u ser tiġi miċħuda – aktar u aktar fid-dawl ta' dak li rriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża mhux biss minn dak li xehed l-attur u minn dak li qal il-perit legali fir-rapport tiegħu – li taħt dan l-aspett żgur mhux ċensurabbli – li ma teżisti l-ebda tariffa li tirregola x-xogħol esegwit mill-attur. Meta wkoll il-prezz ikkwotat jinvolvi aktar mix-xogħol partikolari tad-dentist inkwantu jinvolvi snajja' oħra u jimporta wkoll il-valur intrinsiku ta' l-oġġett prodott u l-materjal użat;

Il-Qorti tifhem li l-konvenut, wara li taha din ix-xhieda, irrealizza li ma setax isostni l-eċċezzjonijiet li sa dak il-ħin kien għadu ta. Hu għalhekk ħass il-ħtieġa – u bir-raġun – li jagħti eċċezzjoni ulterjuri illi "l-kunsens tiegħu kien vizzjat b' *'error'* u għalhekk l-obbligu minnu assunt li jħallas is-somma pretiża kien wieħed null u invalidu";

Anke din l-eċċezzjoni hi però insostenibbli. Hu paċifiku fid-dottrina illi *"l'errore di fatto"* ma jġibx għan-nullità ta' l-obbligazzjoni u tal-konvenzjoni *"se non quando cade sulla sostanza stessa della cosa che nè è l'oggetto. L'errore annulla la convenzione quando cade sulla qualità della cosa che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di quella cosa. L'errore sulla sostanza è dunque un'errore sulla qualità, ma non ogni errore sulla qualità principale ed è l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualità è o no principale; bisogna vedere quello che hanno avuto di mira le parti contraenti ..."*. Il-Qorti hi sodisfatta illi l-iżball allegat issa mill-konvenut – anke kieku kellu jiġi ammess li verament hekk kien – ċertament ma jolqotx is-sostanza tal-kuntratt. Hu ċar li anke kieku wieħed kellu jieħu id-differenza fil-valuri proposta mill-konvenut bħala reali xorta din ma kinitx tali li kienet ser tiddiswadi lill-konvenut milli jasal fil-ftehim li wasal ma' l-attur. Hu ċar li hu ried li jagħmel l-aħjar għall-snienu u kien ippreparat li jħallas għat-tajjeb, anke waqt li kif naturali jipprova jiffranka. Hu ovvju l-każ ifalli t-*test* tad-Domat: *"È il caso di applicare il principio; 'Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva la qualità che esse le supponevano; l'errore sarà sostanziale..."* Il-Qorti ma għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-konvenut kien xorta jersaq għall-ftehim ma' l-attur. (Vol. XXIX, P. – , pp. 591);

Hu ritenut ukoll illi *"l'azione dell'indebito non è ammissibile quando il pagante nell'atto di pagamento sapeva che l'ammontare pagato non era affetto dovuto"*. (Vol. XVIII, P. III, p. 146). Mill-banda l-oħra *una volta* li l-attur "dak il-mument stess tan-negozju **kien konsapevoli** mill-fatt li s-somma mitluba kienet eżaġerata, kif wera bi kliemu stess, u intant, malgrado din il-konsapevolezza, **ried jagħti u fil-fatt taha** lill-

konvenut is-somma miftehma, allura ma jistax raġonevolment jintqal li hu ħallas bi żball; anzi kien jaf li ma messux ħallas daqshekk u intat ried iħallas". (Vol. XXIX, P. II, pp. 450);

"Min iħallas xjentement dak li ma hux minnu dovut ma jistax jilmenta li fil-fatt sofra xi inġustizzja jew xi dannu" (Vol. XXXIII, P. II, pp. 332). Prinċipji li kollha japplikaw għall-każ in eżami **in kwantu l-ftehim li jħallas** ammont li kien jikkunsidra **fil-mument li kkontratta** li hu eċċessivc tant li nnegozja dwaru u rriduċih bi ftehim għandu jiġi ekwiparat għal fini ta' dan l-eżerċizzju daqs li kieku ħallsu;

Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk ukoll respinta;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi l-Qorti waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut – inkluża dik ta' l-intempestività ta' l-azzjoni, in kwantu din ma tistax tirrikorri sempliċement għax il-partijiet ikunu qed jippruvaw jittransiġu u f'kull każ il-konvenut għadu sallum mhux ippreparat li jaċċetta li jħallas dak minnu pretiż mill-attur, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' erba' mija u ħamsin lira maltija (lm450.00) minnu lilu dovuta kif fuq ingħad;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut u bl-imgħax dekorribbli mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Frar, 1989, sad-data ta' l-effettiv pagament.